MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 223/2001/1

**Avviz numru 223/01DM**

**EneMalta Corporation**

**Vs**

**Joseph Cachia u b'digriet tal-5 ta' Dicembru 2001 giet kjamata in kawza l-kumpanija Powercut Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-korporazzjoni attrici talbet il-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' hames mija u tnejn u ghoxrin Liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm522.65) rapprezentanti prezz ta' danni kawzati minnhu fuq proprjeta tal-Korporazzjoni EneMalta vicin il-fabbrika tal-Bortex, Bulebel Industrial Estate, fit-22 t'April 1998.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata Dicembru 1999, oltre ghall-imghaxijiet sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 L-eccipjenti proprio mhux il-legittimu kontradittur stante illi huma qatt ma agixxa fil-vesti tieghu personali izda biss bhala direttur tas-socjeta kummercjali PowerCut Limited u ghalhekk ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju;
2 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-hsarat sofferti mill-Korporazzjoni attrici sehhew biss minhabba negligenza, traskuragni u imperizja da parti ta' l-istess Korporazzjoni attrici;
3 Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u huwa ghalhekk ukoll kontestat;
4 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta kjamata fil-kawza PowerCut Limited fejn eccepew illi:

1 Preliminarjament illi t-talbiet ta' l-attur huma preskritti a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta eccipjenti mhix responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill- Korporazzjoni attrici li izda sehhew minhabba negligenza, traskuragni, u imperizja da parti ta' l-istess Korporazzjoni attrici;
3 Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u huwa ghalhekk ukoll kontestat;
4 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Biex tirnexxi t-talba attrici huma mhux biss tenuti illi jaghtu d-dettalji tat-tiswijiet li saru u l-ispejjez relattivi, izda qabel xejn huma jridu jgibu provi sufficjenti sabiex fl-ewwel lok jippruvaw illi dawn it-tiswijiet u spejjez relattivi kienu neccessitati minn xi hsara li kienet giet ikkawzata fil-proprjeta taghhom, u mbaghad li din il-hsara kienet giet ikkawzata mill-konvenut jew mill-kjamati fil-kawza u illi l-konvenut jew il-kjamati in kawza kienu ikkawzaw dina l-hsara minhabba xi negligenza imperizja jew nuqqas ta' osservanza tar-regolarmenti da parti taghhom.

Izda l-provi prodotti mill-atturi jwasslu biss biex jigi stabbilit illi effettivament kien hemm xi hsarat fil-cables tal-Korporazzjoni attrici u li dawn gew imsewwija mill-atturi stess bi spiza relattiva ta' Lm522.65 (hames mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu).

Il-provi tal-atturi ma jghamlu ebda riferenza ghal xi negligenza, imperizja jew nuqqas ta' osservanza tar-regolament da parti tal-konvenut jew il-kjamati in kawza, li min-naha taghhom permezz ta d- deposizzjoni tal-konvenut, Joseph Cachia, mhux biss irribattew l-allegazzjonijiet fil-konfront taghhom maghmula mill-atturi, izda anke allegaw illi dak il-hin stess li ntlaqat il-cable tal-atturi, ix-xogholijiet kienu qed isiru fil-prezenza u taht l-istruzzjonijiet specifici u s-sorveljanza ta' rapprezentant tal-Korporazzjoni attrici li kien jismu Oliver Zerafa.

Din id-deposizzjoni ta' Joseph Cachia ma giet b'ebda mod kontradetta u ghalhekk issib illi effettivament il-provi prodotti ma jwasslu ghall-ebda responsabbilta la da parti tal-konvenut u lanqas da parti tal-kjamati fil-kawza u konsegwentement qedgha tichad it-talba attrici;

Bl-ispejjez kontra l-atturi

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------